

LINJI GWIDA GĦALL-GĦALLIEMA

MODULU 5 - IL-VALURI TAL-UE

Dan il-modulu fuq il-valuri tal-UE jikkonsisti fi tliet partijiet:

Dan jibda b'logħba ta' erba' tipi, li biha l-atturi jiskopru l-valuri tal-UE u xi eżempji konkreti ta' kif l-UE tpoġġihom fil-prattika. Wara li jsiru jafu dawn il-valuri, l-istudenti jintalbu jirriflettu b'mod kritiku dwarhom permezz ta' eżerċizzju individwali. Fl-aħħar nett, huma jkomplu jiżviluppaw il-ħiliet demokratiċi tagħhom b'eżerċizzju ta' dibattitu fi klassi, b'16-il dikjarazzjoni li jagħżlu. Il-logħba tista' tintlagħab ukoll b'mod separat miż-żewġ partijiet l-oħra.

METODOLOĠIJA	TUL TA' ŻMIEN	MATERJALI
Logħba edukattiva: Il-valuri tal-UE	20 minuta	<ul style="list-style-type: none">- Sett ta' 32 kard tal-valuri għal kull grupp ta' parteċipanti. Il-kards iridu jiġu stampati fuq naħa waħda u jinqatgħu.- Sett ta' 30 kard veru jew falz għal kull grupp ta' parteċipanti. Il-kards iridu jiġu stampati fuq naħa waħda u jinqatgħu.
Eżerċizzju individwali	10 minuta	<ul style="list-style-type: none">- Mappa tal-valuri personali għal kull student.
Eżerċizzju ta' dibattitu fi klassi	10 minuti għal kull dikjarazzjoni	<ul style="list-style-type: none">- Kompjuter + projector- Preżentazzjoni tal-modulu 5 b'16-il dikjarazzjoni- Il-mapep tal-valuri personali kompluti tal-istudenti

OBJETTIVI U ĦILJET

ATTITUDNI

- L-istudenti huma kompletament konxji mill-valuri tal-UE.

GĦARFIEN

- L-istudenti huma familjari mal-valuri tal-Unjoni Ewropea u dwar xi eżempji konkreti ta' kif l-UE ssarraf dawn il-valuri fil-prattika.

ĦILJET

- L-istudenti jiżviluppaw opinjoni proprja dwar il-valuri tal-Unjoni Ewropea.
- L-istudenti jħarrġu l-ħiliet ta' dibattitu tagħhom.

PASS, PASS

1. IL-LOGĦBA

ISSETTJAR

Għal-logħba, il-klassi tinqasam f'diversi gruppi iżgħar, idealment ta' erba' studenti kull wieħed. Gruppi ta' tliet jew ħames studenti huma possibbli wkoll, jekk ikun hemm bżonn. Kull grupp ipoġġi madwar mejda. L-istudenti jilagħbu kontra l-oħrajn fil-grupp tagħhom. Kull grupp għandu sett wieħed ta' 32 kard tal-valuri u sett wieħed ta' 30 kard b'mistoqsija veru jew falz.

PROĊESS

- Il-kards tal-valuri jitqassmu lill-membri tal-grupp. Fil-każ ta' erba' parteċipanti, kull plejer jirċievi tmien kards. Fil-każ ta' tliet jew ħames parteċipanti, xi parteċipanti jkollhom kard żejda. Il-parteċipanti jżommu l-kards tagħhom f'idejhom u ma juruhomx lill-parteċipanti l-oħra.
- Fin-nofs tal-mejda hemm sett ta' 30 kard b'mistoqsija veru jew falz, bin-naħa l-vojtja tħares 'il fuq.
- L-għan aħħari tal-logħba huwa li jinġabar l-akbar ammont ta' settijiet ta' erba' kards tal-istess valur tal-UE.
- L-akbar membru tal-grupp jibda. Huma jitolbu plejer tal-għażla tagħhom jekk għandux kard tal-logħba ta' valur speċifiku tal-UE, eż. "solidarjetà". Dan l-ewwel plejer jeħtieġ li jkollu tal-anqas kard waħda tal-logħba b'dan il-valur tal-UE.
 - Jekk il-plejer l-ieħor ma jkollux il-kard mitluba, dan jgħid li ma għandux u mbagħad ikun imissu l-plejer tan-naħa tax-xellug.
 - Jekk il-plejer l-ieħor ikollu l-kard mitluba, dan jieħu kard veru jew falz mill-pakkett ta' karti fin-nofs tal-mejda u jagħmel il-mistoqsija.
 - Jekk l-ewwel plejer iwieġeb kif suppost, hu jirċievi l-kard tal-logħba mitluba. "Veru" jew "falz" huwa biżżejjed bħala tweġiba; il-plejer m'għandux għalfejn jagħti xi informazzjoni addizzjonali.
 - Jekk it-tweġiba tkun żbaljata, ma jiġux skambjati kards u l-kard veru jew falz terġa' tinxteħet fil-qiegħ tal-kards fuq il-mejda.
 - Fiż-żewġ każijiet, il-plejer fuq ix-xellug huwa dak li jmissu jilgħab.
- Meta plejer jiġbor sett ta' erba' kards tal-istess valur tal-UE, huwa jgħajjat "Erba' tal-istess tip!" u jqiegħed is-sett fuq il-mejda. Dak is-sett ta' kards ma jistax jittieħed aktar mingħand dan il-plejer.
- Il-logħba tispiċċa meta jitlestew it-tmien settijiet kollha. L-istudenti bl-aktar settijiet jirbħu l-logħba.

KONTENUT

Ara d-dokument bil-kards tal-logħob u kards veru jew falz għall-kontenut.

- Fuq **it-32 kard tal-valuri**, l-istudenti jiskopru tmien valuri tal-UE u xi eżempji ta' kif l-Unjoni Ewropea/ il-Parlament Ewropew isarrfu dawn il-valuri fil-prattika fl-UE u lil hinn minnha. Hemm tmien settijiet ta'

erba' kards.

- **It-30 kard veru jew falz** fihom mistoqsijiet veri jew foloz li jikkorrispondu għall-informazzjoni fuq il-kards tal-valuri. L-istudenti jistgħu jużaw l-informazzjoni dwar il-kards tal-valur tagħhom biex iwiegħbu għall-kards veru jew falz.

2. EŻERĊIZZJU INDIVIDWALI

L-għan ta' dan l-eżerċizzju huwa li jirriflettu fuq kull wieħed mill-valuri u jiformaw opinjoni. Dan l-eżerċizzju hu tnejn għall-eżerċizzju ta' dibattitu fi klassi.

ISSETJAR

Kull student ipoġġi ma' mejda u jingħata mappa tal-valuri personali.

PROĊESS

F'din il-parti, l-għalliem iqassam mappa tal-valuri personali lil kull student. Dan huwa dokument personali, magħmul għall-istudent biss. Fuq il-mappa tal-valuri, il-valuri tal-UE ikunu diġà ngħataw, flimkien ma' definizzjoni bażika. L-għalliem jagħti l-istruzzjonijiet li ġejjin:

1. Indika jekk taqbilx personalment mal-valuri

L-għalliem jitlob lill-istudenti jirriflettu b'mod individwali fuq kull wieħed mill-valuri u fuq id-definizzjoni bażika tiegħu.

Staqsijiet innifsek: "Jien personalment inħaddan dawn il-valuri?" Fi kliem ieħor, taqbel (fuq livell personali) li kull bniedem għandu jkun liberu, ugwali, jgħix f'demokrazija, jgħix skont l-istat tad-dritt, jirrispetta d-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet tal-bniedem, ikun tolleranti u juri solidarjetà? Aħseb dwarha u agħmel ċirku madwar "naqbel" jew "ma naqbilx" qrib kull valur, skont kif taħsibha.

2. Ikklassifika l-valuri skont l-importanza tagħhom.

Fil-kolonna "Prijoritajiet għall-UE" fuq il-mappa tal-valuri, l-istudenti jikklassifikaw il-valuri skont kemm jaħsbu li dawn il-valuri huma importanti għall-UE (1 = l-aktar importanti, 8 = l-anqas importanti). Dan huwa eżerċizzju individwali li għalih l-eżitu se jvarja minn student għall-ieħor.

3. EŻERĊIZZJU TA' DIBATTITU FI KLASSI

L-għan ta' din il-parti huwa li jaħdmu flimkien biex jelaboraw dwar it-tifsira tal-valuri (jew uħud minnhom). Għal kull valur, hemm żewġ dikjarazzjonijiet fil-preżentazzjoni. L-għalliem jagħżel minn tnejn sa erba' dikjarazzjonijiet li jiġu diskussi fil-klassi, skont l-interessi tal-istudenti.

Nota bene: id-dikjarazzjonijiet għandhom l-għan li jħeġġu diskussjoni dwar il-valur. Mhumiex opinjonijiet tal-valur.

ISSETTJAR

L-issettjar għandu jkun xieraq għal diskussjoni fi klassi u jippermetti wkoll lill-istudenti jaraw id-dikjarazzjonijiet murija fuq l-iskrin fin-naħa ta' quddiem tal-klassi..

PROĊESS

Proċess ta' diskussjoni għal kull dikjarazzjoni:

1. L-ewwel votazzjoni

L-għalliem juri lill-klassi dikjarazzjoni tal-għażla tagħhom u jagħti struzzjonijiet: "Ħarsu lejn id-dikjarazzjoni. Aħsbu dwarha għal ftit ħin u ddeċiedu għalikom innfuskom jekk taqblux jew le. M'hemmx "triq tan-nofs"; trid tagħżel naħa jew oħra."

Xi rimarki importanti:

- Jista' jkun hemm mistoqsijiet dwar id-dikjarazzjoni. L-għalliem jiċċara dak li tfisser id-dikjarazzjoni (fejn possibbli).
- Dan huwa biss vot intwittiv li warajh jiġi diskuss is-suġġett f'aktar dettall.
- M'hemmx tweġiba "tajba" jew "ħażina".
- Id-dikjarazzjonijiet għandhom biss l-għan li jfheggu diskussjoni; dawn mhumiex opinjonijiet reali.

L-għalliem jgħodd il-voti u jniżżilhom.

2. Diskussjoni plenarja

L-għalliem jitlob lil wieħed mill-istudenti sabiex jispjega l-opinjoni tiegħu jew tagħha. Wara dan, l-għalliem jistaqsi lill-grupp biex jara min jaqbel u min ma jaqbilx mal-persuna li kellha l-kelma biex jiftaħ id-diskussjoni fil-grupp. Suġġeriment: l-għażla ta' xi ħadd mill-grupp ta' "minoranza" tal-eletturi biex jikkellem jista' jwassal għal reazzjonijiet mill-istudenti li vvutaw l-oppożit. Dan ser jinkoraġġixxi lill-istudenti jiddibattu.

L-għalliem jimmodera d-diskussjoni.

3. It-tieni votazzjoni (fakultattiva)

Wara d-diskussjoni tal-grupp, l-għalliem jiftaħ it-tieni votazzjoni. Huma jgħoddu l-voti u jqabbluhom mar-riżultati tal-ewwel votazzjoni. Kien hemm studenti li biddlu l-fehma tagħhom?

4. Konklużjoni

Wara t-tieni votazzjoni, l-għalliem jistaqsi lill-istudenti jekk it-tweġiba tagħhom hix allinjata ma' dak li indikaw fuq il-mappa tal-valuri tagħhom: Għadhom jaqblu ma' dan il-valur? Kieku jstgħu, ibiddlu l-klassifikazzjoni?

XI IDEAT GĦALL-MODERAZZJONI TAD-DISKUSSJONI

- Ibda billi tindika r-regoli bażiċi tad-diskussjoni: isimgħu lil xulxin; stennew li jispiċċaw ta' qabillkom qabel ma tibdew titkellmu; kunu edukati; żommu mas-suġġett; titkellmux wisq fit-tul u ħallu lill-oħrajn jtkellmu wkoll. Dan jippermettilek tirreferi għal dawn ir-regoli matul id-diskussjoni.
- Tesprimix l-opinjoni tiegħek stess; kun newtrali kemm jista' jkun.
- Ipprova ħalli jtkellmu lill-akbar numru ta' studenti possibbli.
- Meta ma jkunx hemm reazzjoni immedjata, biddel il-kliem jew agħmilha tal-avukat tax-xitan billi tagħmel mistoqsijiet li jipprovokaw.
- Jekk student jiddomina d-diskussjoni, ipprova waqqaf, iġbor fil-qosor b'mod edukat dak li qal u agħti l-kelma lil student ieħor, eż. billi tistaqsi liema studenti jaqblu jew ma jaqblux ma' dak li għadu kif jingħad.
- Jekk student joħroġ mis-suġġett, waqqfu u itolbu jżomm mas-suġġett ewlieni. Din taf tinħass xi ħaġa maledukata, iżda studenti oħra jaf ikunu grati.

KONTENUT

Id-dikjarazzjonijiet jidhru fil-preżentazzjoni għal dan il-modulu. Hawnhekk, id-dikjarazzjonijiet jiġu ripetuti b'xi informazzjoni addizzjonali.

ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ

Id-dikjarazzjonijiet għandhom l-għan li jħeġġu diskussjoni fi klassi dwar il-valuri tal-Unjoni Ewropea. Dawn mhumiex opinjonijiet fuq il-valur, u lanqas ma jirrappreżentaw il-fehma tal-Parlament Ewropew.

DEMOKRAZIJA

1. "Referendum dejjem ikun mod tajjeb kif tħalli liċ-ċittadini jieħdu sehem."

Il-mistoqsija hija jekk referendum huwiex xi ħaġa tajba għal demokrazija. Il-limiti ta' referendum huma li n-nies normalment ikollhom jagħżlu bejn "iva" jew "le" u li ma jifdal ebda lok għal alternattivi, eż. fl-Iżvizzera (mhux Stat Membru tal-UE), in-nies intalbu jivvotaw "favour" jew "kontra" mina ġdida. Iżda kien hemm ħafna għażliet oħra, bħal toroq oħra, postijiet oħra għal din il-mina, eċċ.

2. "Id-demokrazija vera tista' taħdem fil-livell lokali biss."

Din id-dikjarazzjoni tistaqsi lill-istudenti jekk jemmnu li d-demokrazija tista' taħdem f'soċjetajiet kbar, fejn il-politiċi mhumiex magħrufa fuq livell personali u ma jistgħux jiġu kkuntattjati b'mod dirett faċilment. Dan huwa partikolarment minnu għall-Unjoni Ewropea, b'445 miljun ċittadin. Demokrazija tista' taħdem fuq skala tant kbira?

LIBERTÀ

1. "Il-libertà ma tfissirx li ma jkollok ebda responsabbiltà."

"Responsabbiltajiet" tista' tfisser ħafna affarijiet: Li tkun responsabbli fis-soċjetà tiegħek, eż., li tgħin lill-oħrajn, li tgħin lill-familja tiegħek, li tieħu ħsieb lill-ġenituri jew lin-nanniet anzjani tiegħek, li tieħu ħsieb lit-tfal tiegħek... F'sens usa', din tfisser "ċittadinanza", li ġgħib ruħek bħala ċittadin "tajjeb", li ma tkissirx jew ma tniġġisx it-toroq, eċċ.

Jekk kulħadd jaqbel, int tista' tilgħabha tal-avukat tax-xitan billi tistaqsi jekk jaħsbux li xi ħadd li jagħżel li ma jagħmel xejn għas-soċjetà huwiex intolat għall-benefiċċji kollha ta' stat soċjali bħal edukazzjoni b'xejn, kura medika rħisa, gratifika għall-qgħad, eċċ., li għalihom iħallsu l-oħrajn.

2. "Peress li hemm libertà tal-kelma, il-partiti politiċi razzisti jeħtiġilhom jitħallew fil-Parlament Ewropew."

Jekk partit politiku jappoġġja prospettivi li jmorru kontra l-valuri tal-UE, bħad-diskriminazzjoni kontra razez, dan ifisser li jenħtieġ li ma jitħallewx jesprimu t-twemmin tagħhom u li jiġu esklużi mis-setgħa?

SOLIDARJETÀ

1. "Stat Membru tal-UE li jintlaqat minn kriżi finanzjarja jenħtieġ li jirċievi l-appoġġ mingħand l-Istati Membri l-oħra tal-UE."

Din id-dikjarazzjoni tistaqsi jekk il-pajjiżi fi ħdan l-UE jenħtieġx li juru solidarjetà lejn Stati Membri oħra meta jkunu f'diffikultà. L-UE jenħtieġ li tkun dak it-tip ta' Unjoni li fiha l-pajjiżi jistgħu jiddependu fuq xulxin?

2. Is-solidarjetà tfisser l-użu tal-flus biex tiżgura li kulħadd ikollu dar, ikel u edukazzjoni diċenti."

Din id-dikjarazzjoni tipprovoka diskussjoni dwar il-kwistjoni ta' wiri ta' solidarjetà fis-soċjetà ma' nies li aħna ma nafux. Aħna nixtiequ ngħinu lill-foqra billi nagħtuhom il-flus b'mod strutturat?

Ċerti studenti jaf jaħsbu li l-faqar huwa xi ħaġa li persuna hija individwalment responsabbli għaliha u li s-soċjetà jenħtieġ li ma tħallasx għaliha. Kwistjonijiet oħra jistgħu jkunu li l-benefiċċji jenħtieġ li jingħataw biss lil dawk li verament jeħtiġuhom. Bħala l-avukat tax-xitan, l-għalliem(a) jista'/tista' jistaqsi/tistaqsi x'jippreferu l-istudenti: Sistema stretta ħafna li tissogra li nies fil-bżonn jitwarrbu mis-soċjetà, jew sistema anqas stretta li tissogra li n-nies jabbużaw mis-sistema.

UGWALJANZA / NONDISKRIMINAZZJONI

1. "Biex tinkiseb l-ugwaljanza, hemm bżonn ta' diskriminazzjoni pożittiva."

Diskriminazzjoni pożittiva = il-prattika li jingħataw benefiċċji speċjali lil nies minn grupp li kultant jiġu ttrattati b'mod inġust jew li ma jkunux rappreżentati sew fis-suq tax-xogħol, f'karigi oġhla, eċċ. Pereżempju, f'ħafna pajjiżi Ewropej, l-impjegaturi li jaħtru persuna b'diżabilità jingħataw għotjiet finanzjarji bħala inċentiv biex jaħtruhom.

2. “Kulħadd huwa ndaq, irrispettivament minn kemm ikollok flus.”

L-għalliem(a) jista’/tista’ jindika/tindika d-differenza bejn is-sitwazzjoni mixtieqa u s-sitwazzjoni fir-realtà. Kulħadd huwa ndaq u jenħtieġ li jiġi ttrattat bl-istess mod? Pereżempju, persuna li tidher fqira tidħol f’ħanut li jbigħ prodotti lussużi, kif ukoll persuna li tidher tat-tajjeb – jiġu ttrattati bl-istess mod?

Il-kwistjoni sottostanti hawnhekk hija jekk għadniex ngħixu f’soċjetà bi klassijiet soċjali differenti. Aħna lkoll ugwali f’għajnejn il-liġi, iżda din l-“ugwaljanza” hija vera fir-realtà?

L-ISTAT TAD-DRITT / IL-ĠUSTIZZJA

1. “Għal ċerti reati, jenħtieġ li jkun possibbli li ssir għażla bejn il-ħlas ta’ multa kbira u l-iskontar ta’ sentenza l-ħabs.”

Din id-dikjarazzjoni tistaqsi jekk l-istudenti jsibuhom “ġusta” li kieku l-persuni sinjuri jkunu jistgħu “jixtru” l-piena tagħhom. Fil-fatt hija taħlita tal-valuri “ugwaljanza” u “stat tad-dritt”.

2. “It-terroristi għandhom id-dritt għal proċess ġust, b’difiża xierqa.”

L-istampa fil-preżentazzjoni turi l-każ Ewropew tasew magħruf ta’ Anders Breivik, terrorist Norveġiż tal-lemin estrem li wettaq l-attakki fin-Norveġja fl-2011. Fit-22 ta’ Lulju 2011 huwa qatel tmien persuni f’Oslo, imbagħad qatel 69 persuna żagħżugħa b’arma tan-nar f’kamp tas-sajf fil-gżira ta’ Utøya. F’Awwiisu 2012 huwa ġie kkundannat b’omiċidju tal-massa u b’terroriżmu.

Din id-dikjarazzjoni għandha l-għan li tipprovoka diskussjoni dwar jekk nies bħalu – li kienu involuti b’mod ovvju f’omiċidji tal-massa – iżommux id-dritt tagħhom mhux biss għal proċess ġust, iżda anki li jiġu difiżi.

IR-RISPETT GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM

1. “Ġurnalista jenħtieġ li jiġi ppenalizzat meta jikteb storja b’aħbar falza”.

Din id-dikjarazzjoni tikkonċerna l-libertà tal-istampa. Illum il-ġurnata d-dittatorjati biss għandhom liġijiet li jiddikjaraw li l-istampa tista’ tiġi mixlija għal dak li tikteb. Finalment dan jista’ jwassal għal ċensura jew biex il-midja ma tirrapportax fuq ċerti affarijiet għaliex tibża’ li tiġi mixlija.

2. “L-UE jenħtieġ li ma tinnegozjax ma’ reġimi li jiksru d-drittijiet tal-bniedem, anki jekk in-negozju jkun tajjeb għall-UE”.

L-UE tista’ tagħmel kummerċ jew negozju ieħor ma’ reġimi li jiksru d-drittijiet tal-bniedem ripetutament? Pereżempju, l-UE tagħmel negozji ma’ pajjiżi Afrikani li ripetutament jiksru d-drittijiet tal-bniedem, biex huma jwaqqfu lill-migranti milli jiġu fl-UE. Jew inkella ċerti negozjati jkunu neċessarji biex tinkiseb ċerta materja prima li m’għadniex fl-Ewropa, eż. il-kobalt, li aħna nużaw fil-mowbajls.

IT-TOLLERANZA / PLURALIŻMU

1. “Li tilbes simboli reliġjużi, b’hal salib jew velu, jenħtieġ li jkun permess fl-iskola u fuq ix-xogħol.”

It-tema inkwistjoni hawnhekk hija jekk l-istudenti jaħsbux li l-ipprattikar tar-reliġjon tiegħek jenħtieġ li jkun permess fuq ix-xogħol jew fl-iskola.

2. “Huwa aċċettabbli li wieħed jesprimi diskors ta’ mibegħda online, jekk dan jagħmlu fi gruppi magħluqa/sigrieti.”

L-istudenti qatt raw xi ħaġa hekk? Huma forsi għamlu xi ħaġa hekk? Jaħsbu li dan jista’ jagħmel ħsara lil ċerti gruppi? Jew jibbażaw fuq il-libertà tal-kelma tagħhom?

IR-RISPETT GĦAD-DINJITÀ TAL-BNIEDEM

1. “Huwa d-dmir morali ta’ kull pajjiż tal-UE li jgħin lill-applikanti għall-ażil.”

Applikanti għall-ażil = “Persuna li, minħabba biża’ ta’ persekuzzjoni għal raġunijiet ta’ razza, ta’ reliġjon, ta’ grupp soċjali, jew ta’ opinjoni politika, taqşam fruntiera internazzjonali f’pajjiż fejn tittama li tingħata status ta’ refuġjat”.

Nota: Dan mhuwiex l-istess b’hal immigranti ekonomiċi (nies li jemigraw minħabba raġunijiet ekonomiċi). L-istatus ta’ applikanti għall-ażil dejjem ikun temporanju, sakemm il-pajjiż fejn il-persuna tkun qed tfitteż ażil ma tagħtix jew ma tiċħadx status ta’ rifuġjat.

Il-kwistjoni sottostanti hawnhekk hija: Aħna nirrispettaw id-dinjità tal-bniedem ta’ nies li mhumix Ewropej? Din id-dikjarazzjoni normalment tqajjem kwistjonijiet b’hall-integrazzjoni tajba, l-għażla bejn li tgħin lin-nies tiegħek stess u lill-barranin, l-intenzjonijiet tajba tal-barranin, eċċ.

Nota: Hemm moviment liberu tan-nies fi ħdan l-UE, u dan ifisser li ċ-ċittadini tal-UE qatt ma jkunu “applikanti għall-ażil”. Jekk xi ħadd mill-istudenti jgħid hekk, l-għalliem(a) jenħtieġ li jikkoreġih/tikkoreġih.

2. “It-tortura jenħtieġ li titħalla biex tinkiseb informazzjoni bl-għan li jiġu evitati attakki terroristiċi ġodda possibbli.”

It-tortura hija pprojbita fl-UE, ikun xi jkun l-għan fil-mira. L-istudenti jaqblu ma’ dan? Jaħsbu li tista’ tkun leġittima f’xi każijiet?

LINKS UTLI

- Id-Demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fil-Parlament Ewropew: www.europarl.europa.eu/about-parliament/mt/democracy-and-human-rights
- Aqra aktar dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: https://ec.europa.eu/info/aid-development-cooperation-fundamental-rights/your-rights-eu/eu-charter-fundamental-rights_en
- Aqra aktar dwar il-Premju Sakharov fuq www.europarl.europa.eu/sakharovprize

